**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha 10 ta' April 2002**

**Numru 14**
**Citaz. Nru. 841/89 FD**

**Gemma Mizzi**

**Vs**

**John Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attrici hija l-proprjetarja tal-fond numru sitta (6), Triq Dun Pawl, Luqa, liema fond jappartjeni lill-patrimonju parafernali ta' l-istess attrici billi l-imsemmija attrici kienet wirtitu minghand il-genituri taghha;

Premess illi l-attrici qeghda tabita fl-imsemmi fond flimkien mal-konvenut zewgha;

Premess illi nqala' dissidju kbir fejn il-kontendenti u l-konvenut qieghed prezentement jikkawza danni fl-imsemmi fond, proprjeta` ta' martu;

Premess illi l-attrici talbet lill-konvenut sabiex jizgombra mill-fond izda huwa rrifjuta;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-fond fuq imsemmi 6, Triq Dun Pawl, Luqa huwa l-proprjeta` parafernali ta' l-attrici;

2. Tordna lill-konvenut sabiex jizgombra mill-ambjenti kollha ta' l-istess fond u dan f'terminu qasir u perentorju li jigi wkoll prefiss minn din l-istess Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi id-domandi attrici kienu ntempestivi ghaliex il-konvenut qatt ma kkontesta l-fatt li l-fond *de quo* huwa proprjeta` parafernali ta' l-attrici;

2. Illi, inoltre, l-konvenut, bhala zewg l-attrici u kap tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, ghandu bil-ligi d-dritt ta’ amministrazzjoni tal-proprjeta` parafernali ta’ martu u dritt ukoll li jabita fid-dar konjugali;

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha li jinsabu f'din il-kawza flimkien ma' dawk fil-kawza fl-istess ismijiet bin-Numru 842/89, illi qeghda tigi wkoll deciza illum;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni fejn talbet li l-Qorti tiddikjara li l-fond 6, Triq Dun Pawl, Luqa hija proprjeta` parafernali taghha u tordna lill-konvenut biex jizgombra mill-istess fond;

Illi minn naha tieghu l-konvenut eccepixxa illi huwa ma kienx jichad l-ewwel talba pero` jinsisti li bhala r-ragel taghha kellu dritt jamministra l-beni u jghix fid-dar imsemmija;

Illi l-Qorti tifhem li qatt ma kien hemm l-ebda diffikulta li d-dar imsemmija kienet parafernali ta' l-attrici peress illi dina kienet tappartjeni lill-genituri taghha u hija kienet dejjem tghix fiha;

Illi dwar it-tieni talba, il-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza fil-kawza fl-istess ismijiet Citazzjoni Numru 842/89 deciza illum stess, minn fejn jirrizulta li giet ippronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti u jrid jigi wkoll rilevat li dan sar bi qbil taz-zewg partijiet;

Illi rrizulta wkoll li l-konvenut ghadda pratikament is-snin kollha ta' dawn il-proceduri jghix barra mill-imsemmija dar u kien biss ftit xhur ilu cioe` meta l-kawza waslet fil-parti finali taghha illi huwa insista li jerga' jidhol jorqod fid-dar;

Illi l-Qorti kellha opportunita` tezamina id-diffikultajiet li kien hemm bejn il-kontendenti u tosserva li f'dawn is-snin kollha il-konvenut qatt ma rritorna fid-dar matrimonjali ghalkemm anqas jidher li l-attrici kienet qeghda timpedih milli jaghmel dan; il-Qorti ma kelliex ix-xhieda ta' ebda estraneu dwar dan il-punt pjuttost importanti pero` tifhem illi kien l-istess konvenut li ddecieda li jitlaq mid-dar u jmur jghix band' ohra; il-Qorti ghalhekk filwaqt li taghmel referenza ghall-imsemmi Sentenza fil-kawza l-ohra sejra tiddeciedi li l-konvenut ghandu jallontana ruhu mill-imsemmija dar definittivament.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda kif dedotta fic-citazzjoni;

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda u tordna lill-konvenut jallontana ruhu mid-dar 6, Triq Dun Pawl, Luqa fi zmien hmistax minn meta din is-Sentenza tghaddi in gudikat.

L-ispejjez fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-vertenza jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur